

# Ajruplani li waqgħu fuq Ħal Għaxaq matul it-Tieni Gwerra Dinjija

**Kitba ta' Charles Debono**
Kuratur, Mużew Nazzjonali tal-Gwerra

Matul l-agħar snin tal-gwerra għal Malta, jiġifieri bejn 1940-42, il-gżira ġiet attakkata kontinwament mill-Assi. Madwar 17,000 tunnellata ta' bombi twaddbu fuq Malta, 7,000 tunnellata minnhom f'April tal-1942 biss. Waqt li l-ajruplani tal-għadu kienu qegħdin jersqu lejn Malta jew diġà waslu fuq il-gżira jwaddbu l-bombi, kienu jiġu interċettati mill-Kanuni ta' Kontra l-Ajruplani jew mill-ajruplani tal-ġlied tar-*Royal Air Force* (RAF) li kienu stazzjonati f'Malta. Dan kien jirriżulta fi ġlied fl-ajru fejn l-ajruplani tal-RAF kontra dawk tar-*Regia Aeronautica* u l-*Luftwaffe*, li ħafna drabi kien iwassal għal twaqqigħ ta' ajruplani.

Fl-1 ta' Mejju 1941, is-*'C' Flight, No.261 Squadron*, li mit-12 ta' Mejju saret magħrufa bħala No.185 Squadron, kienet ippreparata għal li xi attakk għall-għarrieda. In-nukleu tal-iskwadra l-ġdida kienet tikkonsisti minn bdoti u ekwipaġġi tal-art tan-*No.261 Squadron*, kif ukoll ekwipaġġi tal-art min-*No.251 Squadron* u *No.1430 Flight*, li waslu f'Malta mill-Eġittu ftit taż-żmien wara.

Kmieni filgħaxija (1 ta' Mejju) l-iskwadra kienet qiegħda fuq ronda meta f'ħin minnhom ġiet attakkata mill-għoli minn sitt Messerschmitt Bf109 Es ta' *7/Jagdgeschwader 26* (7/JG 26). Dan l-attakk ġiegħel lil *Hawker Hurricane Mk.IIs* jitferrxu. Sfortunatament, l-ajruplan ta' Sergeant B.C. Walmsley intlaqat, u l-bdot ma kellux alternattiva oħra ħlief li jaqbeż mill-ajruplan. Dan l-ajruplan ġie mwaqqa' minn Staffelkapitän Oberleutnant Joachim Müncheberg of 7./JG 26 għal ħabta tal-5.15pm, fejn hu rrapporta li l-vittma tiegħu kkraxxja madwar mill-Grigal tal-ajrudrom ta' Ħal Luqa, jiġifieri viċin il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq, mil u nofs fil-Grigal tal-*airstrip* ta' Ħal Safi li kienet għadha ma' tlestitx.[1]

Fl-14 ta' Mejju 1942 għall-ħabta tal-5.13pm, tliet ajruplani tal-attakk tat-tip *Junkers Ju88* minn *Kampfgruppe 806* (KG 806), protetti minn ajruplani tal-ġlied tat-tip Messerschmitt Bf109Fs u Macchi MC202s, qassmu l-kosta, din id-darba biex jattakkaw il-Gudja u Ħal Safi. Seba' *Supermarine Spitfires Mk.Vs* min-No.249 Squadron ġew ordnati biex jinterċettaw l-ajruplani tal-għadu,[2] u taru fis-sema qabel ma waslu l-ajruplani tal-attakk Ġermaniżi. Huma laħqu attakkaw numru ta' *Messerschmitt Bf109 Fs*, li kienu għadhom kif attakkaw l-ajrudrom ta' Ħal Far. Flying Officer Buchanan sostna li x'aktarx waqqa' ajruplan tal-għadu, mentri Flight Sergeant Harry Fox, qal li waqqa' ajruplani, però ftit mumenti wara, l-ajruplan tiegħu ntlaqat u waqa' fil-baħar.

Ħmistax-il Spitfire ieħor minn *No.126 Squadron*, *No.601 Squadron* taru fil-5.30pm, mentri sitt Hurricanes baqgħu jipproteġu l-ajrudromi.[3] Barnham kellu ġlieda mal-ajruplani tal-għadu u ħaseb li waqqa' ajruplan tal-attakk tat-tip Junkers Ju88, però wara ġie infurmat li l-ajruplan kienet twaqqa' mill-Kanuni ta' Kontra l-Ajruplani. L-ajruplan mill-KG 806 ikkraxxja għal ħabta tas-6.11pm fuq l-irdum ta' Karaċ, fil-limiti tal-Gudja u Ħal Għaxaq. Wieħed biss mill-ekwipaġġ tal-ajruplan irnexxielu jaqbeż bil-paraxut, li rrakkonta wkoll li Barnham waqqa' l-istess ajruplan tal-attakk. Dak li salva, li fil-verità kien *Obergefreiter* Herbert Burger. Il-kumplament tal-ekwipaġġ Unteroffizier Prokesch u Obergefreigfreiters Hermann Koster u Ferdinand Lechner tilfu ħajjithom.[4]

Fis-26 ta' Mejju 1942 għall-ħabta tat-3.19pm, tmien *Spitfires* tan-*No.603 Squadron* u erba' minn kull skwadri tan-*No.185 Squadron* u *No.249 Squadron* telgħu biex jinterċettaw ajruplani tal-għadu. Tlettax-il ajruplani Taljani tat-tip *Reggiane*



*Hawker Hurricane Mk.II*



*Staffelkapitän Oberleutnant Joachim Müncheberg*



Junkers Ju88



Reggiane Re2001

*Re2001* ġew interċettati mill-iSpitfires tan-No.603 Squadron. *Flying Officer Mitchell* u *Pilot Officer* Barlow sostnew li waqqgħu ajruplan kull wieħed, mentri *Flight Lieutenant* Sanders irrapporta li laqat ieħor.[5] Jidher fiċ-ċert li l-ajruplan tal-bdot Annibale Sterzi, kmandant tal-*358ª Squadriglia* ikkraxxja vertikalment fiż-żona Ta' Garda, fin-nofsinhar ta' Ħal Għaxaq, fejn l-impatt tal-ajruplan mal-art ħalla ħofra kbira.[6] Il-bdot irnexxielu jaqbeż mill-ajruplan, però l-paraxut ma nfetaħlux sew, fejn hu waqa' ħdejn Ħal Luqa u miet.

Fl-4 ta' Lulju 1942 tfaċċaw tliet ajruplani tal-attakk tat-tip *Savoia Marchetti SM84bis* minn *4° Gruppo*, protetti minn 22 ajruplani tal-ġlied tat-*Macchi MC202s* tal-*51° Stormo*, immexxija minn *Tenente Colonello* Remondino, mentri 17-il *Macchi* ieħor ipprovdew appoġġ. Għaxar *Spitfires* min-*No.249 Squadron* ġew ordnati biex itiru ħalli jinterċettaw l-ajruplani tal-għadu, fejn qalu li waqqgħu t-tliet ajruplani tal-attakk Taljani. Jidher li wieħed mill-ajruplani milquta rnexxielu jasal lura sa Sqallija, mentri t-tnejn l-oħra kienu effettivament twaqqgħu. Wieħed ikkraxxja fil-baħar, possibilment mill-15a Squadriglia pilotat minn *Tenente* Raffaele Notari, mentri l-ieħor waqa' fl-inħawi Ta' Garda, bejn Ħal Għaxaq u Birżebbuġa.

Hu maħsub li dan kien l-ajruplan imtajjar minn *Sergente Maggiore* Romolo Cristiani tal-14ª Squadriglia. L-uniku membru tal-ekwipaġġ li salva kien *Aviere Scelto* Arduino Pelleschi, fl-ewwel titjira tiegħu fuq Malta. Pelleschi kien ferut gravi meta l-ajruplan tiegħu ntlaqat minn Kanuni ta' Kontra l-Ajruplani, wara li kien waddab il-bombi tiegħu, u qabel ma ġie attakkat minn ajruplani min-*No.249 Squadron*. Hu rnexxielu jaqbeż bil-paraxut u niżel fil-baħar, fejn ġie salvat mill-lanċa tal-RAF *HSL 128*.[7] Hu deher f'wiċċ il-baħar bil-ġakketta tas-salvataġġ, b'maktur abjad. Meta ġie salvat, instab li l-materjal abjad li kellu, kien fil-verità l-fdalijiet ta' idu, li ġiet maħsula mill-ilma baħar.[8]

Għalkemm dawn huma erba' ajruplani li huma dokumentati li waqgħu fl-inħawi ta' Ħal Għaxaq bejn l-1940-2, jista' jkun li fil-verità waqgħu iktar. L-anzjani ta' Ħal Għaxaq probabilment jiftakru iktar ajruplani li kkraxxjaw f'dawn l-inħawi, li però għal xi raġuni jew oħra għadhom mhux magħrufa u dokumentati. Jekk hu minnu, tajjeb li dawn episodji jsiru magħrufa.

**Referenzi**


1 Anthony Rogers, *Battle over Malta: Aircraft losses and crash sites 1940-42*, (Britain, 2000), pp 85-86.
2 Ibid, pp 162-164.
3 Christopher Shores, Brian Cull & Nicola Malizia, *Malta: The Spitfire Year, 1942*, (Britain, 1991), p 270.
4 Rogers, pp 162-164.
5 Shores, Cull & Malizia, p 293.
6 Ibid, pp 171-172.
7 Ibid, 176-180.
8 Shores, Cull & Malizia, p 389.




Savoia Marchetti SM84bis


